# Imqarraq

*Tal*-Kan. G. M. Farrugia

Ara taħsbu li jien Poeta,
  Ħbieb mal-Musa m'għamilt qatt,
  Meta xtaqt ħbieb magħha nagħmel,
  Bħal Ikaru, mal-blat ħbatt.

Iżda t-tama f'qalb il-bniedem
  Donnha tnibbet friegħi ġodda,
  Għalkemm jiesi naqta' messni,
  Bħal ħabiba bqajt ingħoddha.

Iżda ntbaħt li jekk dan nagħmel,
  Żgur imqarraq jien inkun:
  Għax min wiċċ il-ħmar ried jaħsel
  Ħela r-ragħwa wis-sapun.

Ja ħbieb, mela, għożżu kliemi
  Sabiex għali ma jkollkomx:
  La tistrieħu, la timteddu,
  Jekk il-friex ma jesagħkomx.